# Il-Vara tal-Madonna tar-Rużarju Mqaddes u d-Devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-Titlu f'San Ġiljan

## *Skoperta ta' att notarili tal-1899 li jiddokumenta l-għotja ta' din il-vara lill-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan*

**Niki Papagiorcopulo**
B.A. (Hons) (Theol.) (Melit.)

**Il-Madonna taħt it-titlu tar-Rużarju Mqaddes**

Fis-sena 1571, l-Imperu Musulman tal-Asja kien laħaq punt ta' poter u qawwa militari kbira. Immexxija mill-għatx għall-konkwista, kif ukoll għall-mibegħda lejn is-Salib ta' Kristu, il-qawwiet Musulmana kienu attakkaw u rebħu s-swar esterni tad-dinja Kristjana, u bdew jagħtu sinjali ta' theddid lejn l-Italja u pajjiżi Kristjani fin-naħa tal-Punent tal-baħar Mediterran. Xnihat kienu qegħdin jiġru li flotta enormi ta' Musulmani kienu lesti biex jattakkaw.

Il-Papa Piju V għaraf il-periklu u organizza flotta papali taħt il-kmand ta' kmandatur kuraġġuż u brillanti, Don Juan tal-Awstrija. Fl-ewwel jiem ta' Ottubru tal-1571 salpaw lejn il-bajja ta' Lepanto. Għalkemm it-truppi Kristjani kienu magħmulin minn numru ferm iżgħar ta' ġellieda, il-bravura u l-kuraġġ tagħhom wasslu għal rebħa kbira, u l-flotta Musulmana kienet megħluba u meqruda prattikament kollha. L-Insara, ibda minn Don Juan stess, attribwew din ir-rebħa kbira lill-għajnuna li l-Madonna tathom wara li daru lejha bit-talba tar-rużarju.



*Kwadru antik tal-Madonna tar-Rużarju miżmum fis-sagristija tal-knisja parrokkjali l-antika (Ta' Lapsi). Irrestawrat mis-Sur Manwel Zammit.*

Bħala ringrazzjament lill-Madonna, il-Papa li tant ħadem għal dik ir-rebħa, San Piju V, dak li kien hekk ġeneruż ma' Malta wara l-Assedju l-Kbir, waqqaf festa annwali f'ġieħ il-Madonna tal-Vitorja fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru. Sentejn wara, il-Papa Girgor XIII, bidel l-isem tal-festa għal dik tal-Madonna tar-Rużarju biex jonora t-talba speċjali li

permezz tagħha seħħet ir-rebħa fuq l-għadu. Il-Papa Klement XII daħħalha fil-kalendarju tal-Knisja universali. Il-Papa San Piju X iffissa d-data tal-festa fis-7 ta' Ottubru, il-jum li fih seħħet ir-rebħa ta' Lepanto. Din il-festa ġiet estiża għall-Knisja universali fl-1716 meta l-Prinċep Ewġenju rebaħ rebħa oħra importanti fuq l-istess għadu fl-Ungerija.

Id-devozzjoni tar-rużarju hija mhux biss prattika importanti fil-Knisja imma devozzjoni onorata unikament b'festa speċjali ddedikata għaliha. Id-devozzjoni tmur lura ħafna aktar mill-festa. Ir-rużarju huwa talba li skont it-Tradizzjoni, il-Madonna rrivelat lil San Duminku fil-bidu tas-seklu tlettax, u hi waħda mill-isbaħ devozzjonijiet lejn il-Madonna. Ir-reċita tar-rużarju tgħinna nimmeditaw il-misteri fil-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu f'għaqda ma' Marija li kienet hekk qrib tiegħu f'ħajtu, fil-passjoni u fil-qawmien tiegħu mill-imwiet.

Id-devozzjoni lejn ir-rużarju mqaddes tkattret permezz tad-dehriet tal-Madonna f'Lourdes u f'Fatima u bl-appelli ta' ħafna qaddisin u papiet. Ir-rużarju hu wieħed mill-aktar devozzjonijiet lejn ommna Marija approvata mill-Knisja. Anzi hu d-devozzjoni prinċipali Marjana fil-Knisja tal-Punent matul l-aħħar 500 sena.

Il-Papa Ljun XIII żied it-titolu *Sultana tar-Rużarju Mqaddes* fil-litanija ta' Loreto. Il-papiet għanew din id-devozzjoni tar-rużarju b'bosta indulġenzi, u ħabirku biex jingħad regolarment mill-Insara, possibilment kuljum, għax iġib grazzji kbar fuq min jirreċitah bid-devozzjoni.

Aktar qrib żmienna, il-Papa San Ġwanni Pawlu II, kompla żejjen ir-rużarju meta mal-misteri tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja, żied il-misteri tad-dawl.

### Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju f'San Ġiljan

#### *L-altar tal-Madonna tar-Rużarju*

Id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu tar-rużarju fil-parroċċa ta' San Ġiljan tidher li taf il-bidu tagħha lejn tmiem is-seklu għoxrin. Din id-devozzjoni m'għandhiex l-għeruq li kellha dik lejn il-misteru tal-Axxensjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, devozzjoni li tat isem lill-knisja, jew dik ta' Sant'Anna. Dawn jissemmew fid-diversi żjarat pastorali li għamlu l-isqfijiet ta' Malta u l-prelati tagħhom fil-knisja rurali ta' San Ġiljan fit-territorju tal-parroċċa ta' Birkirkara, qabel ma' din twaqqfet bħala parroċċa fl-1891. Id-devozzjoni lejn il-misteru ta' Lapsi tmur lura saħansitra sal-aħħar tas-seklu XVI. Il-Vigarju Kapitulari Salvatore Pontremoli, f'vista li għamel f'din il-knisja fl-1634[1] jagħtina ħjiel tal-popolarità tal-festa ta' Lapsi li kienet tiġi ċċelebrata f'din il-knisja.

Din issaħħet permezz ta' twaqqif ta' altar iddedikat lil dan il-misteru. Dan l-altar ġie nnutat għall-ewwel darba mill-Isqof Girolamo Molina f'rapport ta' żjara pastorali li huwa għamel fil-knisja bejn l-1678 u l-1680.[2] Interessanti li fuq dan l-altar, li skont ir-rapport kien sar madwar sentejn qabel, kien hemm kwadru li kien iġib l-immaġini tal-Axxensjoni u ta' Sant'Anna. Meta l-knisja nbniet mill-ġdid mis-sisien fl-1682, inbnew żewġ kappelli, kull kappella b'altar laterali.[3] L-Isqof Davide Cocco Palmieri, fl-ewwel żjara li għamel fil-knisja fil-21 ta' Mejju 1687 jikkonferma li dawn kienu ddedikati lill-Axxensjoni u lil omm il-Madonna.[4] Dan jurina l-qedem ta' dawn iż-żewġ devozzjonijiet.

Jidher li d-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju f'San Ġiljan nibtet meta l-knisja tkabbret lejn nofs is-seklu XX. Fl-1852 ġie ppreżentat rikors lill-Isqof Publiju Maria Sant minn Dun Ġużeppp Xerri, saċerdot żagħżugħ li kien għadu kif intbagħat mill-istess isqof sabiex jaqdi l-ħtiġijiet spiritwali tan-nies ta' San Ġiljan sabiex titkabbar il-knisja. Din kienet saret ċkejkna wisq biex taqdi l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni l-aktar fis-sajf. Din it-talba ġiet iffirmata mill-Markiż Paul Testaferrata d'Olivier, Serafino Zammit, Luigi A. Eynaud, Dr Aloisio Mallia, Dr Ferdinando Caruana, Dr A. Spiteri u l-Prokuratur tal-knisja Dr Michele Parnis, għan-nom ta' dawk li kellhom il-propjetà jew li kienu jabitaw kemm b'mod permanenti jew b'mod staġonali f'San Ġiljan.[5] Fir-rikors huma wrew il-fehma li l-knisja kellha titkabbar minħabba n-numru dejjem jikber ta' villeġġjanti u kkonfermaw li kien għalhekk li ddeċidew li jallokaw somma ta' flus miġbura mill-kontribuzzjonijiet tal-fidili għal dan il-proġett.

Fit-12 ta' Jannar 1852, l-Isqof talab rapport mill-Prepostu ta' Birkirkara, Dun Ġużepp Debono D.D., fuq din it-talba, b'mod partikolari fuq jekk verament kienx jinħass il-bżonn li l-knisja titkabbar. Fis-26 ta' Jannar, Debono informa lill-Isqof Sant bil-kitba, li għalkemm il-knisja kienet takkomoda r-residenti permanenti ta' San Ġiljan fix-xitwa, il-knisja kienet tinħass ċkejkna wisq fl-istaġun tas-sajf minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni permezz tan-nies li kienu jiġu San Ġiljan għall-villeġġjatura. Il-Prepostu, għaldaqstant, kien favur li dan il-proġett isir, iżda qiegħed kundizzjoni: dik li qabel jinbeda l-proġett kellha tinġabar is-somma kollha neċessarja biex tkopri l-ispejjeż. Debono ma kienx favur ukoll il-proposta li jinbena portiku quddiem il-knisja. L-Isqof Sant, fl-4 ta' Frar 1852, qabel mar-relazzjoni tal-Prepostu, iżda talab li qabel ma jinbeda x-xogħol jiġi ppreżentat abbozz. Bl-għajnuna tal-poplu Ġiljaniż u l-ġenerożità tal-Isqof Sant, li rregala 150 skud għal dan il-għan,[6] dan ix-xogħol jidher li kien tlesta sa Frar tal-1853 għaliex fl-20 tax-xahar il-knisja reġgħet tbierket mill-Prepostu Debono b'delegazzjoni tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi.[7]

Dan it-tkabbir jidher li għamel possibbli ż-żieda ta' żewġ altari laterali oħra fil-knisja. L-aktar żewġ ritratti antiki li nsibu ppreservati fl-arkivji tal-knisja juru lil Dun Ġużepp Xerri liebes is-suttana, flimkien ma' ħaddiema qed jiftħu wieħed mill-altari l-ġodda f'waħda mill-ġnubijiet tal-knisja. Dawn ġew iddedikati lill-Madonna tar-Rużarju u lil San Ġużepp. Id-devozzjoni lejn San Ġużepp bdiet, bħal dik tar-rużarju meta tqiegħed il-kwadru ta' dan il-qaddis, xogħol Salvatore Barbara, fuq l-altar il-ġdid dedikat lilu fl-1895.[8] Madankollu jidher li din tkattret sewwa fi żmien il-parrokat ta' Dun Amabile Bonanno, li kien minn Ħaż-Żebbuġ u partitarju ta' din il-festa sekondarja li kienet u għadha ssir f'din il-lokalità. Huwa kabbar il-festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp, li kienet issir it-tielet Hadd fuq l-Għid.

### *Kwadru ġdid tal-Madonna tar-Rużarju*

Fil-kitbiet tiegħi, semmejt ta' spiss sors importanti għall-istorja tal-ewwel snin tal-parroċċa: ktieb ta' kontijiet u spejjeż - *libro esito* tal-*Amministrazione della Procura della Veneranda Lampade della Chiesa Parrocchiale di San Giuliano*.[9] Il-prokura hekk imsejħa *tal-lampier* kienet tkun il-prokura li tieħu ħsieb il-binja tal-knisja u dak kollu li jinsab ġewwa fiha u kienet tissejjaħ hekk għaliex l-prokuratur tal-knisja kellu bħala l-ewwel obbligu tiegħu li jkun żgur li l-lampier quddiem Ġesù sagramentat kellu ż-żejt neċessarju






Il-Madonna tar-Rużarju, *Giuseppe Cefail (iffirmat u ddatat 1896). Irrestawrat mis-Sur Manwel Zammit fl-2011.*

biex jibqa' mixgħul. Dan il-ktieb għandu fih kontijiet ta' din il-prokura parrokkjali mill-1895 sal-1904 u ta' xi snin oħra.

Annotazzjoni fl-imsemmi reġistru, li saret fl-4 ta' April 1896, tgħidilna li tħallset is-somma ta' tliet liri lil Giuseppe Cefail għall-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju għall-altar laterali l-ġdid[10]. Cefail kien artist attiv fl-aħħar nofs tas-seklu XIX. Ma nafu xejn dwaru għajr li kellu studju tiegħu f'numru 60, Strada San Marco, il-Belt Valletta. Ha sehem fl-esibizzjoni ta' Londra tal-1886 fejn esibixxa żewġ kwadri: *Il-Mewt ta' Santu Wistin* u *Elija l-Profeta*.[11] Cefail kien midħla tal-knisja ta' San Ġiljan. L-ewwel kummissjoni tiegħu għal din il-knisja jidher li kienet it-tkabbir tal-kwadru titulari ta' San Ġiljan, biex dan jerġa' jieħu postu fuq wara tal-altar il-maġġur flok dak tal-Assunzjoni ta' Marija Verġni b'San Pawl u San Ġiljan (li kien tpitter fl-1855 minn Antonio Falzon u ġie rregalat lill-knisja mill-Prokuratur tagħha Dr Michele Parnis[12]). Fuq wara ta' din it-tila, impittra minn Antonio Catalano fl-1596, riċentament instab impitter: *Gius. Cefail RESTAURÒ E MODIFICÒ 21/8/94*. Il-kwadru ġie mmodifikat biex iġib l-istess qies tal-kwadru tal-Assunzjoni sabiex joqgħod fil-prospettiva l-ġdida li kienet tħejjiet għal dan il-kwadru fl-1855.[13]

Fil-knisja ta' San Ġiljan insibu żewġ kwadri oħra ffirmati minn dan l-artist. Dawn huma: *Il-Madonna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù*, li jinsab imdendel fis-sagristija tal-knisja u huwa ddatat 1895, u ritratt (portrait) tal-Kappillan Dun Ġużepp Xerri li huwa ffirmat u mhux ddatat. Tal-aħħar jinsab fis-sagristija tal-knisja u ġie mħolli lilha mill-istess Dun Ġużepp fit-testment tiegħu.[14] Cefail ġie mħallas ukoll lira mill-prokura tal-lampier għar-restawr ta' erba' kwadri f'Awwissu 1896.[15]

F'apprezzament kritiku fil-pubblikazzjoni *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, il-Professur Mario Buhagiar jgħid li din il-pittura għandha valur devozzjonali u l-kompożizzjoni hija sodisfaċenti. 'Madankollu jsostni li l-pittur kellu kapaċitajiet limitati. L-ikonografija hija ttrattata b'rażan u l-elementi kollha li mhumiex essenzjali jiġu mwarrba. Il-pittura turi l-Madonna u l-Bambin bilqiegħda fuq tron għoli maestuż u merfugħ 'il fuq minn Santa Katarina ta' Siena, b'ħarsa li huwa jiddeskrivi bħala *axxetika u kiebja* u San Duminku ta' Gusman li għandu *xeħta aktar umana*. Fuq ras il-Madonna hemm żewġ anġli qed jittajru jerfgħu kuruna tal-fjuri u fl-isfond hemm purtiera mġerrija bejn żewġ kolonni, li tagħti ħjiel żgħir ta' teatralità fi kwadru fejn din hija għalkollox nieqsa u fejn it-trattament tal-artist kien wisq akkademiku u xott. Bejn iż-żewġ qaddisin jidhru globu tond, ġilji bojod miftuħin f'buqar u kelb b'torċa f'ħalqu, qiegħed iserraħ fuq ktieb. Il-kwadru huwa ffirmat u ddatat. Ġie rrestawrat minn Manwel Zammit permezz ta' donazzjoni tas-Sur Michael Grech fl-2011.

### *Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju*

Il-festa tal-Madonna taħt dan it-titlu kienet qed tiġi ċċelebrata fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan fl-aħħar tas-seklu XX. Din kienet tiġi ċċelebrata bil-mużika, taħt id-direzzjoni ta' Mro Alberto Vella, Maestro di Cappella tal-knisja. Bejn l-1896 u l-1903 saru pagamenti lill-Mro Vella għall-mużika. Il-pagamenti jvarjaw minn tnax-il xelin fl-1898 sa massimu ta' lira, tmintax-il xelin u sitt soldi fl-1903. Dan il-ktejjeb tal-prokura tal-lampier jurina li kien Alberto Vella li kien imexxi l-mużika fil-knisja ta' San Ġiljan tul is-sena liturġika

kollha. Bejn l-1895 u l-1904, il-mużika ta' dawn il-festi kienet fdata f'idejh (meta l-festi saru): Marija Omm Alla, l-Epifanija, festa tal-Via Sagra, festi tal-Ġimgħa Mqaddsa, tal-Madonna ta' Pompej, tal-Qalb ta' Ġesù, Sant'Anna, Marija Assunta, id-Duluri, tal-Madonna tar-Rużarju, il-qaddisin kollha, il-mejtin kollha u l-Milied. Ismu jissemma madwar sebgħin darba f'dan il-ktieb ta' kontijiet. Għalhekk nistgħu ngħidu li huwa kien is-surmast residenti tal-knisja.[16]

Alberto Vella kien iben Giuseppe Vella, li għal 42 sena sħaħ kien il-Maestro di Cappella tal-Katidral u tal-Konkatidral. Fl-1888, bil-permess tal-Isqof, Giuseppe daħħal jgħinuh lit-tfal tiegħu: Alberto, Luigi u Paolo, it-tlieta organisti u kompożituri tajbin.[17] B'hekk, Alberto kien jgħin fil-*cappelli di musica* mmexxija minn missieru. Alberto Vella kien jidderieġi l-mużika mhux ġewwa San Ġiljan biss imma anke fil-madwar. Fl-1908, l-1912, l-1923, l-1927 u l-1928 ħabbat fil-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor ġewwa Tas-Sliema. Miet f'din il-lokalità fid-29 ta' Lulju 1931 fl-eta ta' 65 sena.[18]

Il-ktejjeb ta' kontijiet jurina wkoll li l-festa tar-Rużarju kienet tinkludi wkoll il-paniġierku. Fl-1897 u l-1901 dan jidher li sar mis-Saċerdot Ġużepp Busietta, filwaqt li fl-1900 sar mis-Saċerdot F. Bugeja. Interessanti ninnutaw ukoll li fit-3 ta' Ottubru 1898 il-prokura ħallset lira u għaxar xelini għall-quddies li sar fil-ħmistax-il Sibt. Fis-6 tal-istess xahar, l-istess prokura ħallset ukoll sitt xelini għar-reċita tar-ruzarju wkoll fil-ħmistax-il Sibt. Fl-1899 tħallas ukoll għar-reċita tar-rużarju fil-15 ta' Ottubru Ernesto Buhagiar. Dan jagħtina indikazzjoni li kienu jsiru ħmistax-il sibt ta' tħejjija għal din il-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Din id-devozzjoni tal-ħmistax-il sibt ġiet introdotta mill-Beatu Bartolo Longo, l-appostlu tar-rużarjù. Bartolo Longo miet f'Pompej, l-Italja fil-5 ta' Ottubru 1926 u ġie bbeatifikat mill-Papa Ġwanni Pawlu II fis-16 ta' Ottubru 1980. Id-devozzjoni tal-ħmistax-il sibt tikkonsisti f'li wieħed jagħmel wegħda lil Alla u li jitqarben fi spazju ta' ħmistax-il Sibt konsekuttiv, biex ifakkar u jikkontempla l-ħmistax-il misteru tar-rużarju mqaddes, biex jagħti ġieħ lill-Imqaddsa Verġni Marija u biex jingħata xi grazzja bl-interċessjoni tagħha.[19]


Sentiamo con piacere che il sigr. Cav. Ferdinando Mattei che si era deciso di regalare alla Chiesa Parrocchiale di San Giuliano Ospitatore una statua di N. S. del Rosario, si è ora deciso di fare un altra opera non meno importante, per la Chiesa Parrocchiale e ciò per non disgustare un altro benefattore che intende regalare la statua di N. S. del Rosario alla detta Chiesa.

Tanto abbiam creduto di rendere di pubblica ragione affichè non si creda che il Cav. Mattei non abbia donato la promossa statua per motivi dipendenti dalla sua volontà e per dichiarare che noi riconosciamo nel Cav. Mattei e nella sua famiglia i veri benefattori di questa Parrocchia che si contentano delle volte sacrificare la propria opinione purchè la detta Chiesa faccia progresso.

Cogliamo pertanto quest'occasione per ringraziarli pubblicamente augurando loro una maggior rimunerazione dal Dator di ogni bene.

San Giuliano
28 Novembre 1898.

ALCUNI GIULIANENSI.

*L-ittra f'*La Gazzetta di Malta, *li fiha xi Ġiljaniżi kitbu jirringrazzjaw lill-Kav. Ferdinando Mattei li meta sar jaf bil-ħsieb ta' Giovanni Micallef li jirregala l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju lill-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan, irtira mill-ħsieb oriġinali tiegħu u offra li jirregala opra oħra minflok.*

### Il-Vara tal-Madonna tar-Rużarju
### *Ittra f'*La Gazzetta di Malta

Minn ittra f'*La Gazzetta di Malta* tat-28 ta' Novembru 1898, iffirmata *alcuni Giulianensi,*[20] ninnutaw li kien nibet il-ħsieb sabiex il-parroċċa jkollha statwa tal-Madonna taħt it-titlu tar-rużarju. Madankollu, minn dan l-artiklu ninnutaw li dan il-ħsieb kien nibet f'moħħ żewġ persuni

kontemporanjament, u t-tnejn xtaqu jkunu l-benefatturi ta' din l-opra l-ġdida għall-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan. Fil-fatt, ir-raġuni ewlenija wara din l-ittra hija biex tiddefendi isem il-Kavallier Ferdinando Mattei. Ferdinando kien iben Salvatore Mattei, il-benefattur tal-istatwa titulari ta' San Ġiljan, liema statwa saret minn Karlu Darmanin fl-1893. Il-Kavallier Mattei, imħeġġeġ mill-eżempju ta' missieru, kien diġà rregala statwa tal-Madonna ta' Lourdes, opra tal-istess Karlu Darmanin lill-knisja f'Awwissu tal-1896.[21]

Il-ħeġġa tal-familja Mattei, villeġġjanti f'San Ġiljan, jidher li kienet tali li Ferdinando Mattei ried li jħallas opra oħra għall-knisja ta' San Ġiljan: statwa oħra tal-Madonna, din id-darba taħt it-titlu tar-rużarju, biex tkompli tixxerred din id-devozzjoni, u biex il-festa tagħha tkompli tikber. Madankollu jidher li kien hemm devot ieħor li xtaq li jagħmel dan. Għaldaqstant, Mattei għamel pass lura bl-għan li jagħti don *mhux inqas importanti* lill-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan.

Xi Ġiljaniżi kitbu f'din il-gazzetta sabiex jirringrazzjaw lil Mattei tal-ġest nobbli tiegħu u fl-ittra tagħhom jiddeskrivu lilu u lill-familja tiegħu bħala benefatturi kbar ta' din il-parroċċa, tant li kienu lesti jissagrifikaw l-opinjoni personali tagħhom biex il-knisja tagħmel progress.

Din l-ittra għalhekk tagħtina żewġ fatti importanti. L-ewwel waħda hi li l-vara tal-Madonna tar-Rużarju kellha benefattur u ma saritx permezz ta' fondi ta' xi prokura parrokkjali jew konfraternità. It-tieni hija li l-Kavallier Ferdinando Mattei ħallas opra oħra, xejn anqas importanti, għall-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan, li sal-lum ma nafux x'inhi. Dawn iż-żewġ raġunijiet ħeġġewni sabiex infittex aktar informazzjoni fuq dawn iż-żewġ fatti. Sfortunatament, ir-riċerka li għamilt s'issa ma wasslitnix sabiex niskopri x'kienet l-opra l-oħra li ħallas Ferdinando Mattei għall-knisja ta' San Ġiljan. Madankollu, sejbiet li għamilt fl-Arkivji Notarali għenuni sabiex nindividwa l-benefattur tal-vara tal-Madonna tar-Rużarju.

**Att notarili tat-8 ta' Mejju 1899**

L-att tad-donazzjoni tal-vara tal-Madonna tar-Rużarju jinsab iddokumentat fl-atti tan-Nutar Francesco Schembri Zarb.[22] Quddiem in-Nutar deher fuq naħa waħda Dun Ġiljan Zammit, iben Ġlormu, imwieled u joqgħod San Ġiljan, li kien qed jidher f'dan l-att bħala kappillan u prokurator tal-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan, awtorizzat permezz ta' digriet tat-8 ta' April 1899 mogħti mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi tal-gżira. U fuq in-naħa l-oħra deher Giovanni (jew Ġwanni) Micallef, iben Ġużeppi, li kien pensjonant u li kien imwieled u residenti San Ġiljan (għalkemm mgħammed Birkirkara).

Iż-żewġ partijiet iddikjaraw li s-Sur Ġwanni Micallef, bil-ħsieb sabiex titkattar id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu tar-rużarju mqaddes, minn rajh kien ikkummissjona statwa tal-Madonna tar-Rużarju bil-pedestall, bradella u niċċa, li hu kellu l-intenzjoni li jirregala lill-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan sabiex din tiġi esposta għall-qima tal-fidili u tad-devoti tal-Imqaddsa Verġni Marija. Għal din l-istatwa, pedestall, bradella u niċċa, is-Sur Micallef kien ħareġ is-somma ta' sitta u erbgħin lira sterlina (£46).






*Siltiet mill-att notarili tat-8 ta' Mejju 1899, li permezz tiegħu Giovanni Micallef għamel donazzjoni lill-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan ta' vara tal-Madonna tar-Rużarju bil-pedestall, bradella u niċċa tagħha, li kien ikkummissjona minn rajh.*

Dun Ġiljan Zammit D.D., kappillan u prokuratur tal-knisja, aċċetta d-donazzjoni gratwita u irrevokabbli tas-Sur Ġwann Micallef, li kienet tikkonsisti fi statwa tal-Madonna taħt it-titlu tar-rużarju, bil-pedestall, bradella u niċċa. Il-Kappillan Zammit intrabat li jesponi din l-istatwa kemm fil-knisja u kemm proċessjonalment barra l-knisja, b'mod li jkabbar il-venerazzjoni u d-devozzjoni tal-fidili lejn il-Madonna taħt it-titlu tar-rużarju mqaddes, hekk kif hu u s-suċċessuri tiegħu dehrilhom l-aħjar għall-glorja t'Alla u tal-Beata Verġni Marija taħt l-istess titlu.

Il-Kappillan Zammit ddikjara wkoll li b'sinjal ta' gratitudni kbira u rikonoxxenza, kien diġà rċieva l-istatwa bil-pedestall, bradella u niċċa tagħha mingħand Giovanni Micallef u li kien tah l-irċevuta dovuta.

Dan l-att notarili sar u ġie ppubblikat, (qabel ma ġie insinwat) f'Malta, San Ġiljan, Triq Birkirkara, numru 14, fil-preżenza tax-xhieda: l-impjegat Gio Andrea Maio, iben Carmelo, li kien joqgħod Tas-Sliema, u Giuseppe Mallia, iben Michele, residenti f'San Ġiljan.

L-att notarili jagħlaq b'nota interessanti li tgħid li l-benefattur Giovanni Micallef kien iddikjara li ma kienx jaf jikteb.

**Rikors**

Flimkien mal-att notarili arkivjat fl-Arkivji Notarili li jinsab fil-Belt Valletta, wieħed isib kopja tar-rikors li ġie ppreżentat mill-Kappillan Ġiljan Zammit D.D. lill-Arċisqof ta' Rodi u l-Isqof ta' Malta nhar is-26 t'April 1899. Permezz ta' dan ir-rikors, li sar ftit jiem qabel l-att notarili, Dun Ġiljan jinforma lill-Isqof li s-Sur Ġwanni Micallef kien diġà għamel donazzjoni ta' statwa tal-Madonna tar-Rużarju bil-pedestall, bradella u niċċa għaliha lill-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan. Għaldaqstant, il-Kappillan Zammit talab lill-Arċisqof Pace sabiex jagħtih l-awtorizzazzjoni sabiex jaċċetta din id-donazzjoni permezz ta' att pubbliku quddiem nutar.

Jidher li dan ir-rikors ġie aċċettat dakinhar stess li ġie ppreżentat, jiġifieri nhar is-26 t'April 1899. Dan għaliex fuq il-ġenb tax-xellug tar-rikors, miktub bil-Latin, insibu l-kliem *Fiat ut petitur* jiġifieri, *Isir kulma hu mitlub*. Dan il-permess ġie mogħti mill-Vigarju Ġenerali fil-palazz tal-Isqof, il-Belt Valletta.



*Ir-rikors ippreżentat mill-Kappillan Dun Ġiljan Zammit nhar is-26 t'April 1899.*

Minn dawn iż-żewġ dokumenti li s'issa qatt ma ġew ippubblikati, nistgħu nisiltu bosta fatti interessanti. Ma jistax jonqos ukoll li nqabblu din il-kummissjoni, ma' dik tal-vara titulari fl-1892.

L-ewwel fatt interessanti li joħroġ hu l-isem tal-benefattur tal-istatwa, il-pedestall, bradella u niċċa tagħha, li s'issa ma konniex nafu min hu. Dan kien persuna minn San Ġiljan stess: Giovanni Micallef. Jidher li dan ma kienx xi membru ta' xi familja aristokratika bħalma kienet dik ta' Mattei (Salvatore Mattei, il-benefattur tal-istatwa titulari jiġi deskritt bħala *benestant* fil-kuntratt li sar nhar id-19 ta' Ottubru 1892[23], u ibnu Ferdinando, li kien il-benefattur tal-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes u offra li jħallas statwa tal-Madonna tar-Rużarju, kien Duka ta' Mondello).

In-nota tal-aħħar tal-kuntratt li tgħid li huwa ma kienx jaf jikteb turina li dan ma kienx xi persuna istruwita, imma persuna sempliċi li kien devot tal-Madonna u li xtaq li jagħmel dan il-ġest nobbli sforz id-devozzjoni awtentika tiegħu. Il-fatt li huwa ta mhux biss l-istatwa, imma l-pedestall, il-bradella u n-niċċa għaliha, juri li dan il-benefattur xtaq jagħmel l-affarijiet kif suppost u mill-aħjar. Il-fatt li fir-riċerka li għamilt f'diversi gazzetti tal-epoka ma sibt l-ebda riferenza għal din id-donazzjoni, tkompli ssaħħaħ din

l-ipoteżi tiegħi, li dan Giovanni Micallef ma kienx xi persuna influwenti fis-soċjetà, kif kienu Salvatore u Ferdinando Mattei. Fil-fatt, l-unika riferenza għal din l-għotja li sibna fil-gazzetti nkitbet speċifikament sabiex tagħti ġieħ lil Ferdinando Mattei, li xtaq iħallas din l-istatwa iżda li għamel pass lura wara li sar jaf li Micallef xtaq jagħmel dan.

It-tieni fatt importanti li ninnutaw minn dan l-att notarili u r-rikors huwa li dawn jonqsu milli jsemmu min kien l-istatwarju li ħadem l-istatwa u l-iskulturi u l-artiġjani li ħadmu l-pedestall, il-bradella u n-niċċa. Dan għaliex, kontra dak li sar meta ġiet ikkummissjonata l-vara titulari ta' San Ġiljan, il-kummissjoni saret minn Ġwanni Micallef stess, u milli jidher kien ħa ħsieb kollox hu mal-artisti u l-artiġjani. Il-knisja ġiet involuta b'mod uffiċjali fl-aħħar nett tal-proġett sabiex taċċetta l-għotja, u mhux fl-istadju tal-kummissjoni u l-manifattura tagħha. Dan seta' kien pass strateġiku min-naħa tal-Kappillan Zammit, li żgur mhux forsi ggwida lil Micallef fil-proċess kollu u għamel minn kollox sabiex dan ikun wieħed sempliċi kemm jista' jkun. Ġaladarba l-opra kienet saret, kien ser ikun diffiċli għall-Knisja biex ma taċċettax din l-għotja.

Il-fatt li l-ittra f'*La Gazzetta di Malta* dehret f'Novembru 1898, u r-rikors ġie ppreżentat f'Mejju 1899 ikomplu jsaħħu din it-teżi. Din l-ittra tikxef l-id moħbija ta' Dun Ġiljan Zammit, għaliex ma nimmaġinax li l-ftehim sabiex il-Kavallier Mattei jagħmel opra oħra flok dik li xtaq jagħmel, sabiex iċedi postu lil Ġwanni Micallef, seħħ mingħajr l-involviment tal-Kappillan Zammit. L-abbiltajiet tal-Kappillan Zammit huma indiskuttibbli. Mill-kitbiet tiegħi f'dan l-annwal fl-aħħar snin, u mir-riċerka li għamilt, nafu kemm kien persuna influwenti. Nafu li dan kien l-id il-leminija tal-Kappillan Xerri. Nafu kemm ħabrek sabiex din il-knisja fqira għalkollox tiżżejjen b'opri ta' arti u bl-apparat liturġiku neċessarju. Zammit kien jaf sew mnejn kellu jgħaddi. Peress li kien Ġiljaniż hu stess, kien jaf ukoll in-nies tal-post u allura seta' jaħdem sabiex jakkwista donazzjonijiet b'risq dawn il-proġetti għall-knisja parrokkjali tiegħu.

Hija tassew ħasra li ma nsirux nafu minn huma dawn l-artisti u artiġjani. Għalkemm it-tradizzjoni popolari tgħidilna li din l-istatwa hija xogħol Darmanin, kienet ix-xewqa tagħna li jfiġġu dokumenti bi prova aktar ċara f'dan ir-rigward. Iżda sfortunatament fid-dokumenti li sibna m'hemm l-ebda riferenza għall-artist li ħadem din l-istatwa għajr għal artiklu f'gazzetta li ser insemmu aktar 'l isfel.

Punt ieħor importanti li joħroġ minn dan l-att notarili huwa s-somma totali li ħallas il-benefattur għall-istatwa, il-pedestall tagħha, il-bradella u n-niċċa. Dan kien ta' sitta u erbgħin lira sterlina (£46), somma sinjifikanti meta tqis li tħallset minn persuna waħda. Meta wieħed iqis li l-vara titulari ta' San Ġiljan qamet is-somma ta' sitta u għoxrin lira sterlina (£26), wieħed jista' jassumi li l-prezz tal-vara kien simili u li l-aċċessorji tagħha swew madwar għoxrin lira sterlina. Il-pedestall ta' din l-istatwa huwa wieħed sempliċi, imma sabiħ immensament fis-sempliċità u l-eleganza tiegħu. Kull faċċata hija l-istess u għandha girlanda ta' rand marbut b'ċoff. Sfortunatament dan m'għadux jintuża għaliex qed jintuża pedestall, bradella u bankun wieħed kemm għall-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju u dik tad-Duluri. Il-bradella hija dik oriġinali. In-niċċa ta' din l-istatwa, mogħtija minn Giovanni Micallef, eventwalment ġiet sostitwita b'oħra skulturata fil-ġebel fuq ix-

xellug tal-knisja, fejn illum hemm meqjuma l-istatwa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Xi partijiet minn din in-niċċa oriġinali għadhom jeżistu u hu fil-ħsieb tal-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi, San Ġiljan li dawn jiġu rrestawrati, filwaqt li l-partijiet nieqsa jinħadmu mill-ġdid sabiex din terġa' titgawda fil-knisja.

L-aħħar punt importanti li joħroġ mill-att ta' donazzjoni huwa li l-iskop tal-vara kien ukoll li din tinħareġ proċessjonalment. B'hekk naraw li bis-saħħa tal-vara ġiet introdotta l-purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju f'San Ġiljan, purċissjoni li għadha ssir sal-lum.

### Artiklu fil-gazzetta *Malta Tagħna* f'Ottubru 1907

Artiklu fil-gazzetta *Malta Tagħna* tad-19 ta' Ottubru 1907 bit-titlu *Ghaxar Vari ta Madonna tar-Rusariu maghmulin mis-Sur Carlozz Darmanin* huwa ta' interess għalina għaliex jagħtina l-unika prova bil-miktub li għandna li din il-vara hija xogħol Darmanin. L-awtur ta' dan l-artiklu li jiffirma bl-isem psewdonimu '*Patriott*' jirrapporta li l-Ħadd ta' qabel kienet saret il-festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-parroċċi kollha ta' Malta, u li f'Ħad-Dingli kienet iżżanżnet statwa tal-Madonna taħt dan it-titlu magħmula mix-'*xuejjah u tant imfahhar is-Sur Carlozz Darmanin*.' L-awtur jinfurmana li Karlu Darmanin kellu għaxar vari tal-Madonna taħt it-titlu tar-Rużarju Mqaddes, li l-Ħadd ta' qabel kollha kienu ħarġu proċessjonalment fit-toroq tal-Mellieħa, Ħal-Qormi, il-Qrendi, iż-Żurrieq, Ħal Kirkop, **San Ġiljan**, Tas-Sliema, il-Ħamrun, in-Naxxar, Ħad-Dingli rispettivament u oħra mill-isbaħ li kien għamel għal Lixandra b'erba' figuri: il-Madonna bil-Bambin, San Duminku u Santa Katerina ta' Siena.


GHAXAR VARI

TA MADONNA TAR-RUSARIU

*maghmulin mis-Sur Carlozz Darmanin*

Nhar il Hatt li ghadda, chif jaf cull hatt, fill parrocci ta Malta colla, issir il festa devota tal Madonna tar-Rusariu, u cull parroccia taghmel il pircissioni tahha.

F' Had-Dingli dehret din is-sena vara tal Madonna tar-Rusariu li ghamel dan l' ahhar ix-xuejjah u tant imfahhar is-Sur Carlozz Darmanin. Din li Statua hia vera opra ; il Madonna bill keghda fuk is-shab keghda ticcunsinia il curuna tar-Rusariu, u b'Bambin fuk shaba ma genbha, kighed ibierec ; tahtu, fis-shaba, jidru zeug cherubini ta hleuua li ma bhala. Dil vara fiha, dakka ta ghain, u fiha uibed jara il gost, u 'l vera arti tal bravu artist li ghamila.

Is-Sur Darmanin, Alla jatih mitt sena ghomor halli icompli dejjem fis-sabiha arti tighu,—chif smaina, ghandu f' Malta ghaxar vari tal Madonna tar-Rusariu, li nhar il Hatt li ghadda colla hargiu fill purcissionijet : tal Mellieha, Hall Kormi, il Krendi, iz-Zurriek, Hall Chircop, San Gilian, tas-Sliema, Hamrun, in-Naxxar Had-Dingli u ohra mill' isbah li katt ghamel ghal-Lixandra, grupp ta erba figuri : il Madonna bill Bambin, San Dumincu u Santa Caterina da Siena.

U daun il vari jiftahru u jissemmeu min cull min jarahom, ghad-devozioni u ghax-xoghol ta l' arti li tidher fihom,—ghad li x' uhud, daz-zmien, bdeu itellfu ix-xoghol lill Maltin, u keghdin igibu l' istatui u 'l vari minn barra !

Ahna il Maltin dejjem conna clieb ta xiulxin ! U gharucasa ! !

8. 10. 1907. PATRIOTT.

*Artiklu fil-gazzetta* Malta Tagħna, *li jagħtina x'nifmhu li l-vara hija xogħol ta' Carlo Darmanin. Fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni oħra, din hija l-unika prova bil-miktub li teżisti s'issa li din il-vara hija xogħol tal-Karlozzu.*

L-awtur jgħidilna li dawn il-vari jiġu mfaħħra u apprezzati minn kull min jarahom għad-devozzjoni u x-xogħol tal-arti li tidher fihom u jgħaddi sabiex iwiddeb lil dawk il-Maltin li kienu qegħdin jimpurtaw il-vari minn barra 'l pajjiż: '*ghad li x'uhud, daz-zmien, bdeu itellfu ix xoghol lill Maltin, u keghdin igibu l' istatui u 'l vari minn barra ! Ahna il Maltin dejjem conna clieb ta xiulxin ! U gharucasa ! !*'

### L-istatwa llum

Il-vara tal-Madonna tar-Rużarju ġiet trasportata fil-knisja parrokkjali l-ġdida meta din tlestiet fl-1968. Għal xi żmien kienet tinżamm f'niċċa żgħira ħdejn it-taraġ tal-gallerija ta' fuq, qrib dik li kienet in-niċċa tal-vara ta' San Ġiljan. Aktar tard ħadet postha f'niċċa ġdida.



Il-vara għandha bżonn ta' restawr u konservazzjoni professjonali.

Tkun inizjattiva ta' min ifaħħarha li, fl-okkażjoni tal-125 sena mill-għotja ta' din il-vara, din tiġi rrestawrata professjonalment u mqiegħda lura fuq il-pedestall oriġinali tagħha. Hemm bżonn ukoll li ssir bradella u bankun ġdid għal din il-vara sabiħa. Naf li, il-Kappillan Dun Claude Portelli diġà beda jaħdem fuq dan il-proġett u nemmen bis-sħiħ li kif bit-tħabrik tiegħu sar tant u tant xogħol ta' restawr tul il-parrokat tiegħu, dan il-proġett ser jidħol għalih b'ruħu u ġismu fiż-żmien li ġej. Tkun xi ħaġa sabiħa li għal dan l-anniversarju ssir xi festa speċjali sabiex titfakkar din il-ġrajja sabiħa tal-għotja ta' din l-istatwa sabiħa ta' Marija Omm Alla, u l-Omm tagħna lkoll, meqjuma b'tant għożża fil-parroċċa tagħna.

## Appendiċi

**Traskrizzjoni tar-rikors biex tiġi aċċettata donazzjoni tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, bil-pedestall, bradella u niċċa.**

A Sua Eccel.za. Rev. Ma
Monsignor Arciv. e Vescovo
di Malta

etc. etc. etc.

Eccellenza Rev.ma

Il Sac. Giuliano Zammit Parroco e Procuratore della Chiesa Parrocchiale di San Giuliano espone riverentemente:

Che Giovanni Micallef figlio del fu Giuseppe, di San Giuliano, ha fatto una statua di N.S. del Rosario colla relativa nicchia e col relativo piedestallo e predella e l'ha già donata alla Chiesa Parrocchiale di San Giuliano.

Perciò prega S.E. Rev.ma a voler degnarsi accordargli la necessaria facoltà per poter accettare l'ansidetto dono per atto pubblico.

E della grazia

Sac. Giuliano Zammit 26 Aprile 1899

*Fiat ut petitur*
*Dat. in Pal. Archiep. Valletta. Die 26 Aprilis 1899*
*Sac.(?) Can. Cant. Mercieca Vic. Gen.lis*

**Traduzzjoni**

Lill-Eċċ. Tiegħu Rev.ma
Monsinjur Arċ. u Isqof
ta' Malta

eċċ. eċċ. eċċ.

Eċċellenza Rev.ma.

Is-Saċerdot Ġiljan Zammit, kappillan u prokuratur tal-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan, jesponi bil-qima:

Li Ġwanni Micallef, iben Ġużeppi, minn San Ġiljan, ikkummissjona statwa tal-Madonna tar-Ružarju bin-niċċa tagħha u bil-pedestall u bradella, u diġà rregalahom b'donazzjoni lill-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan.

Għaldaqstant jitlob lill-E.T. Rev.ma, biex jagħtih is-setgħa sabiex ikun jista' jaċċetta din id-donazzjoni permezz ta' att pubbliku.

Nitlob il-barka tiegħek.

Saċ. Ġiljan Zammit. Illum 26 ta' April 1899.

*Isir kulma hu mitlub*
*Mogħti fil-Palazz tal-Arċisqof, Valletta. Illum 26 ta' April*
*Saċ.(?) Kan. Kant. Mercieca Vigarju Ġenerali*

## Referenzi


[1] A(rchbishop's) A(rchives) M(alta), VP 1634.
[2] AAM, VP 1678-1680.
[3] EUGENE F. MONTANARO, *The Building of a New Church dedicated to St. Julian in 1682*, f'*Melita Historica*, Vol XI Nru 1 (Jannar 1992) 35-58.
[4] AAM, VP 1685-1687, 580v.
[5] WINSTON L. ZAMMIT, *Talba biex titkabbar il-knisja viċi parrokkjali ta' San Ġiljan (1852)* f'*San Ġiljan* (Awwissu 1992) 17.
[6] ACHILLE FERRIS, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, 326-7.
[7] *L'Ordine*, 25.II.1853.
[8] Dan il-kwadru huwa ffirmat u ddatat.
[9] A(rkivju) S(an) Ġ(iljan), *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 1-31.
[10] Ibid.
[11] MARIO BUHAGIAR, *Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes tal-Kunċizzjoni u Ta' Lapsi*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 183-213.
[12] NIKI PAPAGIORCOPULO, *160 Sena Ilu: It-Tqegħid tat-Titular il-Ġdid ta' Santa Marija*, f'*Lapsi* (Awwissu 2015), 27-33.
[13] NIKI PAPAGIORCOPULO, *Il-Kwadru Titulari ta' San Ġiljan*, f'*Lapsi* (Awwissu 2016), 121-132.
[14] N(otarial) A(rchives) V(alletta), Not. Michele Luigi Casolani R 25/695 (4.x.1896).
[15] ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrocchiale di San Giuliano*, 4.
[16] *Ibid*, 1-31.
[17] JOSEPH VELLA BONDIN, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin*, Malta 2000, 83-86.
[18] WINSTON L.ZAMMIT, *Il-Mużika tal-Knisja fil-Festa*, *f'Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor Sliema* (Lulju 2003) 33.
[19] Ara: *https://fifteensaturdays.wixsite.com/fifteensaturdays.*
[20] *La Gazzetta di Malta*, 28.XI.1898.
[21] *L'Ordine*, 25.08.1896.
[22] NAV, Francesco Schembri Zarb 56A/1060 No. 216 (08.v.1899) 1717-1720.
[23] NAV, Not. Michele Luigi Casolani Ms697/17 No. 36 (19.x.1892) 444-448.